# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-5 t'Ottubru, 2017.**

**Rikors Numru 307/2016 SM**

**Joseph u Vincenza konjugi Attard**

**vs.**

**Mario u Antonia konjugi Attard**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-15 t'April, 2016, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi permezz ta' kuntratt datat it-13 ta' Novembru, 2013, *in atti* tan-Nutar Dottor Anthony Hili akkwistaw l-emfitewsi temporanja minghand il-Kummissarju tal-Artijiet il-barriera f' "Ta' Kuttaf Gandolf", limiti tal-Imqabba ta' madwar 13,629 metru kwadru kif deskritta fl-istess rikors, (ara foll 6);

1.2. Illi juzaw l-istess bhala barriera ghall-estrazzjoni tal-gebel;

1.3. Illi l-intimati jokkupaw u juzaw il-barriera konfinanti fuq l-lbic tal-istess;

1.4. Illi fil-parti fejn jikkonfinaw dawn il-barrieri l-intimati qed jordmu materjal, kif ukoll fil-fond koncess lir-rikorrenti, u dan, abbuzivament;

1.5. Illi dan l-irdim qieghed jipperikola l-istabilita` tal-konfini u jinvadi l-proprjeta` tar-rikorrenti;

1.6. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ma jistghux ihaffru f'dik il-parti tal-barriera;

1.7. Illi dan qed jikkawza danni ingenti lir-rikorrenti;

1.8. Illi *nonostante* li debitament interpellati biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni l-intimati baqghu inadempjenti;

1.9. Illi ghalhekk aderew din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din m'ghandiex:

1.9.1. Tiddikjara li l-irdim in kwistjoni qieghed isir bi ksur tal-ligi u abbuzivament;

1.9.2. Tiddikjara li l-istess irdim qed jipperikola l-istabilita` tal-linja konfinanti in dizamina;

1.9.3. Tiddikjara li l-intimati huma responsabbli ghar-risarciment tad-danni ikkagunati lir-rikorrenti;

1.9.4. Tikkundanna lill-intimati biex ma jibqghux jordmu fuq il-linja medjana bejn iz-zewg barrieri;

1.9.5. Tordna lill-intimati biex fi zmien qasir u perentorju, u taht is-sorveljanza ta' periti *nominandi* iwettqu dawk ix-xogholijiet necessarji biex jitnehha r-radam in kwistjoni b'mod li jippermetti lir-rikorrenti jqattghu l-gebel minghajr perikolu;

1.9.6. Tiddikjara li l-intimati radmu materjal fil-proprjeta` tar-rikorrenti u ta' dan qed igarrbu danni;

1.9.7. Tawtorizza lir-rikorrenti biex f'kaz li l-intimati jonqsu milli jwettqu dak lilhom ordnat entro t-terminu prefiss, iwettquh huma stess taht is-sorveljanza ta' periti *nominandi*, a spejjez tal-istess intimati;

1.9.8. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, okkorrendo bl-opera ta' periti *nominandi*;

1.9.9. Tikkundanna lill-intimati biex solidalment ihallsu d-danni hekk likwidati;

1.9.10. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kif dedotti fl-istess rikors promotur kontra l-intimati;

1.9.11. Salv risposti ulterjuri;

2. Rat id-digriet taghha datat l-20 t' April, 2016, li permezz tieghu appuntat l-istess ghas-smigh ghall-udjenza u hin hemm indikat, (ara foll 20);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-12 ta' Mejju, 2016, li permezz taghha l-intimata Antonia Attard irrispondiet sintetikament bil-mod segwenti, (ara foll 25):

3.1. Illi l-pretensjonijiet avvanzati mir-rikorrenti gia` gew avvanzati permezz ta' procedura ohra deciza fis-7 ta' Lulju, 2014, u kienu respinti;

3.2. Illi gie wkoll intavolat appell incidentali;

3.3. Illi ghalhekk qed jigi eccepit il-*lis alibi pendens stante* li l-mertu ta' din il-procedura tifforma parti mill-mertu tal-appell li ghadu pendenti;

3.4. Illi qed jigi wkoll rizervat li titressaq l-eccezzjoni tar-*res judicata* wara li jintemm l-istess appell;

3.5. Illi numru ta' talbiet huma ripetuti u inkluzi f'xulxin, jew jinhtiegu kjarifika;

3.6. Illi ghalhekk ir-rikors promotur hu null;

3.7. Illi t-tieni (2) talba hi irritwali *stante* li tammonta ghal talba ghal inibizzjoni perpetwa – haga li mhix permessa hlief permezz ta’ azzjoni ta’ jattanza;

3.8. Illi fil-mertu, t-talbiet tar-rikorrenti huma frivoli u vessatorji, rizultanti minn pika;

3.9. Illi l-istess talbiet huma infondati *stante*:

3.9.1. Illi l-irdim *de quo* sar *in parte* mir-rikorrenti stess meta z-zewg barrieri kienu konsegwentement operati bhala barriera wahda, u anke meta l-istess kienet immexxija minn missier il-kontendenti;

3.9.2. Illi kemm ilhom ma joperawx flimkien l-intimat dejjem radam fil-parti tieghu;

3.9.3. Illi l-parti mirduma bit-terrapien intradmet bil-kunsens taz-zewg partijiet;

3.9.4. Illi l-periklu li jista` jirrizulta jkun naxxenti mir-rikorrenti;

3.10. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

4. Rat ir-risposta guramentata datata wkoll it-12 ta’ Mejju, 2016, li permezz taghha l-intimat Mario Attard, ghalkemm irrisponda tramite rapprezentant legali differenti mill-ko-intimata l-ohra, irriproduca l-istess risposti *verbatim* kif ipprezentati mill-istess ko-intimata l-ohra, u ghalhekk, filwaqt li ssir referenza ghall-istess, ghall-ekonomija tal-gudizzju, mhumiex ser jigu riprodotti hawnhekk ukoll, (ara foll 27);

5. Rat id-digriet taghha datat il-15 ta’ Gunju, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, tawtorizza lill-istess biex jindirizzaw l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati rispettivament u ghaldaqstant ordnat ukoll il-kapovolgiment tal-provi fir-rigward, (ara foll 33);

6. Rat id-digriet taghha datat il-15 ta' Gunju, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli raprezentant legali tal-partijiet awtorizzat lill-istess biex jittrattaw l-ewwel eccezzjoni preliminari bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 121);

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati fir-rigward, datata t-23 ta' Frar, 2017, (ara foll 122), flimkien ma' dik tar-rikorrenti datata l-21 ta' Marzu, 2017, (ara foll 126);

8. Rat il-verbal datat is-6 t'April, 2017, li permezz tieghu l-abbli rapprezentant legali tal-partijiet iddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq in-noti ta' sottomissjonijiet minnhom ipprezentati, (ara foll 135);

Ikkunsidrat:

9. Illi in vista tad-digriet datat il-15 ta' Gunju, 2016, (ara foll 33), din hi decizjoni ta' natura preliminari intiza biex tigi epurata l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimati, (ara rispettivament foll 25 u 27);

10.0. Illi sintetikament, permezz tal-istess, l-intimati qeghdin isosstnu s-segwenti:

10.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti gia` gew avvanzati mill-istess f'kawza ohra fl-istess ismijiet u ggib in-numru Rikors 48/2010;

10.2. Illi l-kawza indikata fil-paragrafu precedenti kienet deciza fis-7 ta' Lulju, 2014;

10.3. Illi permezz tal-istess il-pretensjonijiet tar-rikorrenti kienu gew respinti;

10.4. Illi konsegwentement l-istess sentenza giet appellata;

10.5. Illi ghalhekk qed tigi sollevata l-eccezzjoni tal-*lis alibi pendens stante* li l-meritu tal-kawza prezenti hu wkoll il-meritu tal-appell;

10.6. Illi qed tigi riservata l-possibilita` li titressaq l-eccezzjoni tar-*res judicata* jekk ikun il-kaz;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi l-istitut tal-*lis alibi pendens* jew tal-konnessjoni ta' kawza ma' ohra hu regolat mill-artikli 792 sa 794 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li sintetikament jistabbilixxi s-segwenti fir-rigward:

11.1. Illi f'kaz fejn kawza tigi mressqa wara li kawza ohra fuq l-istess oggett tkun giet imressqa quddiem qorti kompetenti ohra, dik tal-ahhar tista' tigi mibghuta lill-qorti l-ohra;

11.2. Illi f'kaz li bejn il-multiplicita` ta' kawzi jkun hemm konnessjoni ta' suggett, il-qorti tista' tordna li dawn il-kawzi jinstemghu flimkien;

11.3. Illi l-istess jista' jsir kemm- il darba decizjoni ta' wahda tkun tista' tolqot d-decizjoni fil-kawza l-ohra;

11.4. Illi l-kawzi mismughin flimkien in prim'istanza jistghu jinstemghu hekk ukoll fl-appell;

11.5. Illi kemm in prim' istanza kif ukoll fl-appell, dejjem ghandha tinghata sentenza separata u debitament motivata jew kontenuti referenza ghall-motivi ta' sentenza wahda fost dik il-molteplicita`;

11.6. Illi l-eccezzjoni in dizamina tista' tinghata f'kull zmien;

12. Illi ghandu jkun pacifiku li r-*ratio legis* wara tali procedura hi li meta jirrizulta li hemm zewg kawzi quddiem qrati kompetenti differenti, l-proceduri in dizamina jkunu jistghu jitmexxew flimkien minn qorti wahda;

13.0. Illi pero` qabel dan ikun jista' jsehh ikun jinhtieg li jkun assigurat li jkun hemm identita`;

13.1. tal-partijiet;

13.2. tas-suggett in dizamina; u

13.3. tad-domandi;

14. Illi jekk id-domandi in dizamina jkunu maghqudin m'ohrajn f'kawza minnhom, allura l-identita` prospettata tkun imhassra;

15. Illi kemm- il darba l-identita` fuq riferita tkun assikurata, allura tali talba ghandha tigi akkolta, u ghalhekk, ghandha tigi akkolta wkoll anke t-talba ghas-soprasessjoni *stante* li l-kawzi jkunu jiddependu mil-ezitu ta' xulxin;

Ikkunsidrat:

16. Illi jigi immedjatament ribadit li r-rimedju ta' soprasessjoni hu wiehed ta' natura straordinarja;

17. Illi in effetti tali rimedju hu wkoll eccezzjoni ghar-regola generali li kull kawza ghandha tinstema' sakemm tigi deciza kif stabbilit fl-artiklu 195 (1) tal-Kap 12 fuq riferit;

18.0. Illi ghalhekk ir-rimedju in dizamina hu wiehed li ghandu jigi utilizzat b'cirkospezzjoni u biss:

18.1. Jekk jissodisfa r-rekwiziti fuq elenkati; u

18.2. Fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi minn ezami tad-dokumenti *in atti* jirrizulta sintetikament is-segwenti:

19.1. Illi r-rikorrenti odjerni gia` intavolaw kawza fil-konfront tal-intimati, Rikors Numru 48/10, (ara foll 35);

19.2. Illi l-istess rikors gie deciz fis-7 ta' Lulju, 2014, (ara foll 65);

19.3. Illi l-istess hi pendenti l-appell, (ara foll 74);

Ikkunsidrat:

20. Illi in vista tar-rizultanzi suesposti ser issa jigu ezaminat r-rekwiziti in dizamina biex jigi stabbilit jekk il-*lis alibi pendens* rikjamata mill-intimati effettivament tezistix;

Ikkunsidrat:

21. Illi fir-rigward tal-**Partijiet** fiz-zewg proceduri in dizamina jirrizulta assodat li l-***partijiet*** fiz-zewg proceduri huma identici;

22.0. Illi fir-rigward tal-***Mertu*** fiz-zewg proceduri in dizamina jirrizulta s-segwenti:

22.1. Illi fil-kawza antecedenti ghal dik odjerna jirrizulta s-segwenti:

22.1.1. Illi tirrigwarda talba ghal dikjarazzjoni li r-rikorrenti ghandu kirja/qbiela tal-barriera *de quo*;

22.1.2. Illi jitolbu dikjarazzjoni li l-intimti m'ghandhom l-ebda titolu fuq l-art;

22.1.3. Illi l-intimati jigu inibiti milli jimmolestaw lir-rikorrenti;

22.1.4. Illi l-intimati qed jikkawzaw danni lir-rikorrenti, inkluza t-talba ghall-likwidazzjoni u hlas tal-istess;

23. Illi fil-procedura odjerna r-rikorrenti qeghdin ukoll jitolbu danni minghand l-intimati, izda din id-darba minhabba r-radam allegatament mitfuh mill-intimati fil-barriera tar-rikorrenti;

24. Illi fis-sentenza precitata taghha datata s-7 ta' Lulju, 2014, (ara foll 65), l-istess qorti odjerna diversament preseduta laqghet xi talbiet tar-rikorrenti u rrespingiet ohrajn;

25. Illi fir-rigward tal-istess sentenza jirrizulta li l-intimati intavolaw appell, (ara foll 74), li ghall-istess ir-rikorrenti intavolaw risposta, (ara foll 90), u appell incidentali, (ara foll 104);

Ikkunsidrat:

26. Illi jigi sottolineat li fir-rikors guramentat promotur tar-Rikors Numru 48/10 datat it-8 ta' Jannar, 2010, (ara foll 35), ir-rikorrenti m'ghamlu l-ebda referenza ghall-irdim ta' materjal daparti tal-intimati – ghalkemm xorta qed jallegaw li soffrew id-danni;

27. Illi d-danni hemm pretizi mir-rikorrenti huma allura naxxenti mill-fatt li allegatament ma thallewx jahdmu il-barriera in dizamina – izda dan, mhux minhabba ftiegh ta' materjal kif allegat fil-procedura odjerna hawn in dizamina;

28. Illi mid-dikjarazzjoni guramentata tar-rikorrenti ipprezentata fil-procedura l-ohra, (ara foll 63), jirrizulta li effettivament jaghmel referenza ghal tfiegh ta' terrapien u gebel hazin fil-barriera tieghu mill-intimati, izda dan it-tfiegh ta' terrapien u gebel hazin ma jirrizultax li kien il-mertu ta' dik il-kawza bhal ma hu l-mertu ta' din il-procedura;

29. Illi konsegwentement ghandu jirrizulta pacifiku li l-mertu ta' dawn iz-zewg proceduri in dizamina hu differenti minn xulxin;

30. Illi ghalhekk, stante li t-tieni kriterju rigwardanti l-mertu taz-zewg kawzi in dizamina ma jirrizultax li hu l-istess, dan ir-rekwizit statutorju ma jirrizultax li gie debitament sodisfatt;

31. Illi *di piu`*, kif stabbilit mill-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fil-kawza fl-ismijiet ***Silvio Frendo et vs. Rudolph Gatt et***, datata t-***13 t'Awwissu, 2015***, ir-rekwiziti in dizamina huma kumulattivi u konsegwentement, hu necessarjament mehtieg li jissussistu lkoll flimkien biex tkun tista' tirnexxi d-difiza tal-*lis alibi pendens* in dizamina;

32. Illi ghalhekk, la dan ir-rekwizit ma jirrizultax sodisfatt, mhux aktar mehtieg li jigu analizzati l-kumplament tar-rekwiziti in dizamina;

33. Illi konsegwentement, in vista tal-premess, din l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati separatament, ghalkemm kif gia ribadit, b'mod identiku, din l-eccezzjoni preliminari ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

34. Illi *nonostante* is-suespost, jizdied jinghad pero` li fil-kawza parallela ma dik odjerna – Rikors Numru 48/10 prezentement pendenti l-appell – tirrigwarda l-kwistjoni tat-titolu rispettiv tal-partijiet fuq il-kirja in dizamina;

35. Illi ghalhekk, l-istess Qorti tal-Appell ghadha trid tistabbilixxi b'mod definittiv it-titolu rispettiv tal-kontendenti;

36. Illi in effetti l-kawza odjerna hi ippernjata fuq l-ezitu tal-istess vertenza prezentement pendenti l-appell stante li hawn ir-rikorrenti jippremetti li l-intimati qeghdin abbuzivament jordmu t-terrapien fil-linja medjana u/jew fil-proprjeta` li huma jallegaw li hi taghhom;

Ikkunsidraw:

37. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***John Debono et vs. Mario Buhagiar et***, datata l-***21 ta' Jannar, 2016***, fejn gie sottolineat is-segwenti fir-rigward:

> "Ghal bosta snin, il-qrati taghna sabu li t-twaqqif ta' smigh ta' kawza biex tistenna l-ezitu ta' kawza ohra li diga` tressqet jew sakemm titressaq wahda fuq punt eccezzjonali huwa rakkomandat biss fil-kaz meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu bilfors tiddependi l-kawza li sejra titwaqqaf";

Ikkunsidrat:

38. Illi *stante* li fil-procedura prezentement fl-istadju tal-appell ser jigi determinat b'awtorevolezza t-titolu rispettiv tal-kontendenti

fuq il-barrieri in kawza, tali decizjoni ser tiddetermina wkoll it-talbiet intavolati fil-procedura prezenti;

Ikkunsidrat:

39.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li l-intimati ma irnexxilhomx jippruvaw l-ewwel eccezzjoni preliminari minnhom intavolata separatament, u konsegwentement:

**DECIDE:**

39.1. Tirrespingi l-istess eccezzjoni preliminari tal-intimati rigwardanti il-*lis alibi pendens* minnhom sottomessa;

39.2. Tordna pero` ghar-ragunijiet fuq esposti, is-sosspensjoni tal-procedura odjerna pendenti l-ezitu finali tal-kawza pendenti l-Qorti tal-Appell, Rikors Numru 48/10;

39.3. Tiddifferixxi ghalhekk il-kawza odjerna *sine die*, riappuntabbli *ai termini* tal-artiklu 964(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, wara talba appozita minn wahda mill-partijiet fi zmien perentorju ta' hmistax- il gurnata mid-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell in dizamina;

39.4. Tirrizerva l-ispejjez ghall-fazi finali meta jigi epurat il-meritu tal-procedura.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**